MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 572/2006

**Astrid Pardew**
**(ID-173763-M)**

**vs**

**John Lucia**
**(ID-595354-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta` Lulju, 2006 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` elf, u tletin lira maltija illum ekwivalenti ghal Euro2,399.25c, rapprezentanti valur ta` danni kawzati mill-konvenut bhala rizultat ta` xogholijiet li ma sarux skond is-sengha u l-arti fuq pjanu Schubert, liema pjanu kien gie konsenjat lill-konvenut sabiex isiru xogholijiet ta` restawr u ta` tuning fuqu. Illi l-konvenut kien thallas is-somma ta` Lm1,200 ghal dan ix-xoghol izda kemm ir-restawr konsistenti f'tiswijiet, restawr u french polish u kif ukoll it-tuning ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-ammont mitlub ta` Lm1,030 tikkoncerna l-ispiza li l-attrici trid taffaccja sabiex jinbarax il-piano u jigi llustrat bit-tajjara u kif ukoll halli jsir it-tuning mill-gdid, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt l-ismiegh ta` dawn il-proceduri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 26 ta` Lulju, 2006 fejn ikkontesta t-talbiet attrici bil-mod segwenti:-

1. Li ma kienx minnu li huwa hadem mhux skond is-sengha u l-arti tant illi l-attrici kienet esprimiet il-kuntentezza taghha dwar l-istess xogholijiet u l-ilment tressaq sentejn wara l-konsenja;

2. Li t-talbiet kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Li fi kwalunkwe l-ammont mitlub kien ezagerat;

4. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti;

Ra n-nota ta` sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut.

Ikkunsidra.

L-attrici xehdet li hija kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta` restawr fuq il-piano taghha bil-french polish u jirranga l-mekkanizmu ta` gewwa inkluz dak li ghandu x'jaqsam ma` tuning u dana kollu versu prezz globali ta` elf lira maltija li in segwitu telgha ghal Lm200 ohra minhabba l-base strings. Ix-xoghol kellu jitlesta fi zmien tliet xhur. Il-ftehim sar kollu bil-fomm.

L-attrici mbaghad ghaddiet biex tressaq is-segwenti lmenti taghha cioe:-

1) Ix-xoghol dam ma tlesta hafna aktar tard minn tliet xhur.

2) Il-piano li kellu a two tone colour inbarax kollu, ngieb fuq l-injam u l-konvenut tah biss kulur wiehed fl-intier tieghu; (Dok. AA2, Dok. AA3 u Dok. AA4);
3) Hija kienet accettat li jhallih f'kulur wiehed u tara fl-ahhar meta jispicca mix-xoghol jekk joghgobhiex hekk kif kien ser jigi f'kulur wiehed;
4) Ma kinietx kuntenta bil-french polish adoperat peress illi f'xi bnadi il-lostru ma kienx lixx u kien jinhass ahrax. Hija tghid pero` li fil-mument tal-konsenja l-piano kien jinhass lixx u kien biss ftit wara li bdiet thossu ahrax;
5) Hija tghid li certu Louis Darmanin kien qalilha li partijiet mill-piano ma giex llostrat bit-tajjara izda bil-pinzell;
6) It-tuning ma sarx sew peress illi l-kordi ghollihom semi-tone wiehed aktar il-fuq minn kif kienu qabel u gab il-piano concert pitch. Tallega li l-piano ma jiflahx ghal tali tone tant illi wahda mill-istrings inqatghet oltre li l-hoss johrog stunat (Dok. AA5, Dok. AA6 u Dok. AA7);
7) Il-base strings li suppost kellhom jinxtraw mill-gdid ma kienux godda u twahhlu uneven (Dok. AA6 u Dok. AA7);

L-attrici pprezentat sett ta` ritratti mmarkati Dok. AA1 sa Dok. AA7 sabiex tkun tista` tindika ahjar l-ilmenti taghha. Hija tghid li nonostante dawn in-nuqqasijiet xorta wahda accettat il-konsenja lura tal-piano taghha u dana peress li l-konvenut dejjem irrimarkalha li kien sejjer jirranga l-affarijiet. Fil-fatt il-konvenut kien beda jirranga t-tuning u ghalkemm qalilha li kien ser ikompli, qatt ma rega` tfacca. In kontro-ezami, l-attrici tistqarr li l-gnub kienu jinhassu horox anke qabel ma ghadda ghand il-konvenut pero` hasbet li bil-lostru l-gdid kienu ser jigu lixxi.

L-attrici pproduciet bhala xhud biex jissostanzja l-ilmenti taghha lil certu Stefan Hoffman, persuna ntiza fil-pianos peress li jghid li huwa piano maker u piano technician. Wara li spezzjona l-piano in kwistjoni rrilaxxja rapport immarkat Dok. SH1. F'dan ir-rapport huwa jelenka sensiela ta` hekk imsejha difetti teknici.

Huwa bazikament jikkonferma l-lmenti mressqa mill-attrici ghal fejn jirrigwardaw sensiela ta` nuqqasijiet konnessi

mat-tuning, ma` l-istrings, mal-pins u mal-hammers li skond hu jirrikjedu xoghol ta` rimedjar li jiswa circa Lm740. Fil-fatt minhabba tali xogholijiet skond hu estensivi vvaluta l-imsemmi piano fl-ammont ta` Lm100 biss. Dan ix-xhud li jista` jigi meqjus bhala espert *ex parte* pero` ma jsemmi xejn fuq ix-xoghol ta` lostru fir-rapport tieghu.

In kontro ezami jafferma li ma kienx ra l-piano qabel sarulu x-xogholijiet u kwindi ma jafx f`liema stat kien fih. Jispjega li fl-opinjoni tieghu ítems 2, 3, 5, 6, 7, 8, 10, 12, 13, 14 u 15 fir-rapport tieghu ghandhom jigu kkunsidrati bhala difetti. Item 1 u 9 ma hux difett filwaqt li item 4 u 11 jista` jkun u ma jkunx difett skond kif ftiehmu l-partijiet. Jikkonferma b'certezza li l-istrings kellhom aktar minn erba` snin fuqhom pero` dan mhux necessarjament jikkwalifika bhala difett izda semplicement kien qed jesprimi stat ta` fatt. Ikkonferma wkoll li l-iscrew sabhom mahlula. Huwa ma jikkunsidrax il-piano bhala wiehed antik peress li ma ghandux aktar minn mitt sena.

Illi dwar il-kwistjoni tal-lostru, l-attrici resqet lil certu Louis Darmanin bhala xhud taghha. Huwa jikkonferma li dan ma sarx bis-sistema tat-tajjar peress li kien evidenti anke semplicement bl-ghajn li kellu daqqiet tal-pinzell apparti li l-lostru kien jinhass rough u cioe` mhux lixx. Anke dan ix-xhud irrilaxxja rapport li gie mmarkat bhala Dok. LD 1. Fl-opinjoni ta` dan ix-xhud li wkoll qed jigi meqjus bhala espert *ex parte* ghandhom jintefqu madwar Lm300 sa Lm400 sabiex il-piano jerga` jigi restawrat.

Il-konvenut ressaq bhala xhud lil certu Patrick Mifsud sabiex jittenta jgib il-prova li l-kordi minnu wzati fuq il-piano kienu mixtrija godda minghandu. Illi ghalkemm huwa minnu li jirrizulta li l-konvenut xtara kordi godda minn dan ix-xhud, pero` b'daqshekk ma jfissirx li kienu dawn l-istess kordi li ntuzaw fuq il-piano ta` l-attrici kif dal resto konfermat mill-istess xhud in kontro ezami. Fil-fatt huwa jafferma li ma kienx ipprovah il-piano ghand l-attrici. Meta gie muri r-ritratti tal-kordi ma setax jikkonferma b'certezza jekk kienux godda jew le pero` jafferma li anke

kordi godda jistghu jkunu suwed oltre li dawn jiswiedu minnhom stess jekk tmisshom wara ftit tal-jiem.

Fl-affidavit tieghu, il-konvenut ighid li l-piano in kwistjoni kien wiehed antik ferm u li tassew kienu ftiehmu fuq prezz ta` Lm1,000 ghal restawr tieghu oltre x-xiri tal-kordi (madwar Lm200). Huwa jafferma li ghandu hafna snin ta` esperjenza fuq dan it-tip ta` xoghol. Il-piano kien fi stat hazin ferm u kien jirrikjedi hafna xoghol fuqu. L-injam kien kollu grif u daqqiet u mimli toqob tas-susa li kienet ghadha hajja. Ghalhekk huwa kellu jgib injam, jaghmel trattament tas-susa u jimla` t-toqob u l-grif qabel ma ghadda l-lostru bit-tajjara. Dwar il-kulur huwa jafferma li kienu ftiehmu li dan kellu jigi bhala grandfather clock li kien urieha. Jafferma li ma hux minnu li l-kulur tal-piano kienu two tone u spjega li l-kulur iswed li jidher fir-ritratti kienet zebgha bil-pinzell li nghata biex tghatti l-grif u d-daqqiet.

Ighid ukoll li nofs il-piano ma kienx jindaqq u l-bass chords kienu mejta. Ghalhekk huwa xtara sett gdid kif miftiehem. Jafferma wkoll li t-tuning ta` l-istess hallieh kif kien sabu meta hadu u cioe` f’qaghda ta` “concert pitch”. Dan gie minnu konfermat anke in kontro ezami. Apparti dan kollu huwa zarma, naddaf u rama mill-gdid il-makkinarju tieghu nkluz l-imrietel. Wahhal tliet pedali godda tar-ram u zebah il-frame tal-hadid li kien kollu sadid. Jispjega li l-attrici kienet giet ghandu tara x-xoghol u tipprova l-piano ftit tal-jiem qabel ma haditu. Hija kienet kuntenta bix-xoghol tant li hadet hsieb hi stess ghal garr ta` l-istess ghandha u inoltre halsitu l-prezz kollu miftiehem mal-konsenja cioe` fil-5 ta` Lulju, 2004. Huma kienu ftiehmu li kien ser imur jintonah madwar sitt xhur wara halli jilhaq joghqod. Hekk ghamel u fi Frar tas-sena 2005 kien mar jintonah u ftiehmu li jerga` jigi lura wara xi sitt xhur ohra. Xi zmien wara Frar, 2005 pero` qabel Mejju, 2005, huwa sar jaf li l-attrici kienet qieghdha tipprova tbiegh dan il-piano sabiex tixtri iehor minfloku. Peress illi jidher li ma kienux qed joffrulha flus tieghu daqs kemm hasbet, hawn bdew jaslu l-ilmenti taghha fuq ix-xoghol tieghi. Fil-fatt kien biss f’Awissu tas-sena 2005 cioe` aktar minn sena wara l-konsenja li baghatitlu ittra fejn talbet refuzjoni ta` Lm600. Din kienet l-ewwel darba li l-attrici bdiet tilmenta fuq ix-

xoghol tieghu. Il-konvenut ezebixxa sett ta` ritratti mmarkati Dok. MC1 li juru l-piano in kwistjoni minn diversi angoli kemm qabel u kif ukoll wara r-restawr.

Illi huwa ferm interessanti li wiehed jezamina l-kontenut ta` l-ittra mibghuta mill-attrici Dok. MC2, a fol. 56 tal-process datata 21 ta` Awissu, 2005 u cioe` aktar minn sena wara l-konsenja. Fl-ittra l-attrici qieghdha tilmenta mill-fatt li ma kienx qed jirnexxilha ggib kemm qed tixtieq flus ghal bejgh tieghu u ma setghetx tifhem kif offrewlha biss Lm380 meta hija nefqet Lm1,200 ghar-restawr u ghalhekk talbet rendikont tal-ispejjez. Bdiet ukoll tilmenta fuq it-tuning, fuq il-pins, fuq il-fatt li l-lostru kien jinhass ahrax fil-genb u esprimiet ruhha li ma kinietx ghal kollox soddisfatta li ma nzammx il-kulur originali. Terga` ttenni fl-ahhar ta` l-ittra li l-inkwiet taghha kien li kellha bzonn tbiegh dan il-piano ghal prezz akbar tenut kont ta` kemm nefqet flus u mhux li l-konvenut kien ghamel xi xoghol mhux skond is-sengha u l-arti. In kontro ezami l-konvenut jerga` jinsisti li sa meta mar jintona l-piano sitta jew seba` xhur wara l-konsenja, l-attrici kienet ghadha kuntenta bil-piano u ma semmietlu ebda ilmenti.

Illi l-kwistjoni li ghandha tigi rizolta f’dan il-kaz ma hux jekk l-attrici hijiex kuntenta o meno b’mod suggettiv bir-rizultat ahhari tax-xogholijiet imwettqa u / jew jekk dawn sarux b’certa perfezzjoni izda pjuttost jekk ix-xogholijiet tal-konvenut gewx ezegwiti skond kif titlob is-sengha u l-arti.

Huwa fatt pacifiku li l-kaxxa tal-piano gie strippjat mill-lostru kollu, ngieb fuq l-injam u rega` gie llostrat mill-gdid. It-Tribunal isib ir-rakkont tal-konvenut ferm kredibbli meta allega li l-piano kien fi stat hazin mimli toqob, grif u susa u kif ukoll li huwa minnu tassew li wiehed ghandu jaghmel certa trattamenti lill-injam ta` tali antikita` qabel ma japplika l-lostru. Dwar il-kwistjoni ta` t-two tone, din hija haga li tidher apparenti sew ghall-ghajn u ma hemmx dubbju li l-attrici accettat il-konsenja tal-piano kif ratu.

Illi dwar il-kwistjoni jekk inghatax lostru bil-French polish (bit-tajjara)  jew bil-pinzell, jidher li l-ilment ta` l-attrici jemani mill-fatt li l-gnub kienu jinhassu horox. Pero` in

kontro ezami tistqarr li l-istess gnub kienu jinhassu horox minn qabel ma tat il-piano lill-konvenut. Ir-rapport *ex parte* maghmul minn Darmanin ftit li xejn jista` jinghata piz peress li dan sar xi sena u seba` xhur wara l-konsenja. Barra minnhekk huwa jghid li jidher evidenti li hemm daqqiet tal-pinzell madwar il-piano kollu. It-Tribunal jikkummenta li hemm differenza enormi bejn lostru bl-applikazzjoni ta` tajjara u dik bil-pinzell, liema differenza suppost li ghandha tidher u tinhass sewwa anke minn ghajnejn u swaba mhux esperti f'dan il-qasam. Illi ghalhekk ma jistax ikun li kien hemm tali daqqiet tal-pinzell mal-piano kollu peress illi l-attrici stess ma rrimarkatx dwarhom fis-sena u seba` xhur kemm kien ilu ghandha l-piano u fil-fatt hija hasset biss l-istess hruxija fil-gnub kif kienu jinhassu qabel. In vista tal-fatt li s-sensazzjoni ta` hruxija kienet pre-ezistenti, jista` kwindi jaghti l-kaz li dan kien qed jigi kkawzat mill-injama stess u mhux mill-applikazzjoni hazina tal-lostru.

Illi t-Tribunal isib l-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut dwar il-kwistjoni tal-"concert pitch" bhala wahda verosimili ferm u kwindi gustifikata apparti l-fatt li tali stat ta` fatt ma hux konsegwenza ta` xi xoghol hazin jew difettuz per se kif dal resto konfermat minn Hofmann xhud iehor *ex parte* prodott mill-attrici. Ir-rapport ta` dan l-ahhar *"espert ex parte"* ghalkemm jindika diversi hekk imsejha difetti teknici fit-tuning, kordi, hammer heads ect, wiehed ghandu jgib quddiem ghajnejh zewg fatturi mportanti u cioe` li dan ir-rapport sar aktar minn sena u nofs wara l-konsenja u mhux qrib id-data tal-konsenja – li tali hekk imsejha nuqqasijiet huma tali li setghu facilment gew notati mill-attrici qrib id-data ta` l-istess konsenja li kieku daqqet dan il-piano u li kwindi ghalhekk wiehed jistaqsi f`liema kondizzjoni kienu dawn l-istess kordi, hammer heads u partijiet ohra teknici tal-piano fil-mument tal-konsenja. Kien jinkombi fuq l-attrici biex tressaq provi soddisfacenti fuq din il-materja stante li hija qed tressaq tali allegazzjonijiet. L-attrici mhux talli naqset iggib provi konvincenti fuq dan il-punt izda is-silenzju taghha ghal aktar minn sena u r-raguni moghtija minnha originarjament ghalfejn issollevat tali lmenti fihom infushom jikkontradixxu dak li qed tittenta tipprova. Illi

dwar il-kordi jekk kienux godda o meno, ghandna l-prova li kienu nxtraw kordi godda u li mhux haga kbira li dawn jistghu jiswiedu anke wara ftit tal-jiem jekk jintmissu (*multo magis* aktar minn sena wara). L-istess espert Hofmann jikkonferma biss li dawn kellhom aktar minn erba` snin fuqhom meta rahom pero` ma eskludiex il-fatt li wiehed seta` jixtri kordi “godda” li jkunu gew manifatturati aktar minn erba` snin qabel. Li huwa mportanti pero` ghal dan il-fini li huwa kkummenta fuq tali kordi bhala stat ta` fatt u mhux sabiex jindikhom bhala difett.

Illi in vista tal-premess ghalhekk, dan it-Tribunal huwa tal-fehma li mhux biss li l-attrici naqset li tressaq provi soddisfacenti sabiex juru li l-piano gie lilha kkonsenjat fi stat mhux tal-livell li titlob is-sengha u l-arti izda sahansitra ghal kuntrarju ghandu jirrizulta li l-konvenut espleta l-inkarigu lilu moghti b’mod diligenti u skond kif titlob is-sengha u l-arti f’dan il-qasam ta` xoghol.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, kwindi jichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------